MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1472/2001/1

**Joseph Zammit**

**v.**

**Citadel Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Ottubru 2003 li permezz taghha dik

il-Qorti laqghet it-talba ta’ l-attur u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-istess attur is-somma ta’ sitt elef lira (Lm6,000). Permezz ta’ citazzjoni presentata fit-22 ta’ Awissu 2001, l-attur fisser li hu kellu polza valida ta’ assigurazzjoni mas-socjeta` konvenuta li kienet tirreferi ghall-vettura tieghu Peugeot 405 Saloon bin-numru tar-registrazzjoni LCB-924. Huwa spjega li fid-19 ta’ Mejju 2000 huwa kellu incident – baqa’ hiehel go hajt – li fih l-imsemmija vettura sofriet hsarat estensivi. Il-polza kienet tat-tip “comprehensive”. Ghalkemm huwa ghamel il-*claim* relattiva u interpella diversi drabi lis-socjeta` konvenuta, din baqghet ma halsitux tad-danni li kien sofra. Ghalhekk huwa talab lil dik il-Qorti:

“1. Tiddikjara li, wara l-incident awtomobilistiku tad-19 ta’ Mejju 2000, is-socjeta` konvenuta hi debitrici ta’ l-attur a tenur tal-polza ta’ assigurazzjoni mahruga minnha lill-istess attur;
2. Tillikwida, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi, l-ammont dovut lill-attur in linea ta’ kumpens ghal danni sofferti minnu fl-incident imsemmi;
3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.”

**2.** Permezz tan-nota ta’ eccezzjonijiet taghha, presentata fit-12 ta’ Novembru 2001, l-imsemmija socjeta` eccepiet –

“1. Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li ma sehh ebda incident li ghalih ghandha taghmel tajjeb is-socjeta` eccipjenti;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Fid-dikjarazzoni guramentata annessa ma’ din l-eccezzjoni, Mark Asciak, a nom tas-socjeta` konvenuta, halef hekk:

“Illi s-socjeta` eccipjenti giet infurmata mit-taqsima tal-Frodi tal-Pulizija li fir-rigward ta’ l-akkadut meritu ta’ din il-kawza, is-socjeta` eccipjenti kellha tieqaf milli tipprocedi bit-talba ta’ l-attur, stante li jirrizultalhom cirkostanzi li jeskludu l-applikazzjoni ta’ l-istess polza u fil-fatt qeghdin

fil-process li jistitwixxu proceduri kriminali fil-konfront ta' l-istess attur."

**Is-sentenza appellata**

**3.** Biex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Fid-19 ta' Mejju, 2000 filghaxija l-attur kien ghaddej bil-karozza tieghu Peugeot 405 SRDT numru LCB 924 minn Triq il-Karwija, limiti Hal Safi, hekk kif tohrog mill-mini ta' Hal-Kirkop, u waqt li qed isuq sab kisra f'daqqa wahda u billi hu ma kienx intiz mil-lokalita` malli qabad il-kisra spicca fil-hajt u ggarraf hajt fuq il-karozza tieghu (ara fol. 14 para 1).

"Din il-versjoni ma gietx kontradetta u hija konfermata fir-rapport tal-pulizija Dok a fol. 36.

"L-ewwel problema li kien hemm bejn il-partijiet kienet dwar l-entita` tal-hsara billi l-attur ippretenda li kien hemm hsara fil-vettura tieghu wara l-incident li ma tidhirx fis-*survey report* originali maghmul minn Natalino Agius u jekk dina l-hsara kinitx rizultat ta' l-incident in kwistjoni.

"Minhabba f'hekk, fil-kors tal-kawza, is-*surveyor* Agius kien rega' gie mqabbad mill-Qorti biex jerga` jezamina l-karozza u jghid jekk kienx hemm hsara *extra*, x'inhu l-kwantum ta' dina l-hsara u jekk fil-fatt dina kienetx rizultat ta' l-incident.

"Natalino Agius kien zamm access u kkostata li kienu nstabu xi affarijiet ohra wara li zzarmat il-karozza. Hu ccertifikat li dawn kienu gustifikati u kienu rizultat tal-habta. Id-Dok JZ6 a fol. 22 hija l-lista tal-*parts* li ma kienux qed jaqblu fuqha.

"Ghalhekk l-ammont dovut bhala tiswija ta' *parts* huwa ta' Lm4,791.08

"**Total Loss – beyond economic repair.**

“Il-kwistjoni l-ohra li l-partijiet ma qablux dwarha hija li l-konvenuti u s-*surveyor* qed isostnu li l-karozza kif inhi wara l-habta tissewwa, mentri l-attur qed jippretendi li l-karozza ghandha tigi *written-off* u jinghata l-valur assigurat.

“Illi hemm qbil li l-karozza kienet giet assikurata fuq valur ta’ Lm7,900 u dana l-ammont kien gie konfermat meta sar *survey report* fuqha minn Natalino Agius qabel l-assikurazzjoni konvenuta accettat li tassikura l-karozza fil-1999.

“Illi wara l-incident l-ispiza biex tissewwa dina l-karozza tlahhaq ghall

| | |
|---|---|
| Lm4,791.08 | *parts* |
| Lm968 | bhala *Labour* minghajr VAT |
| Lm517.50 | *garaging* Dok fol. 60 |
| B’kollox | Lm6,276.58 |

“Il-karozza kienet giet assikurata fil-1999 ghal prezz ta’ Lm7,900 u habtet wara sena. Illi skond id-Dok a fol. 46 dwar *Motor Vehicle Values* fil-2000 il-valur tal-karozza ta’ l-attur bhala *pre-accident value* huwa ta’ Lm6,000.

“Biex tissewwa l-karozza trid minn l-anqas Lm6,276.58 ghalhekk mhux opportun li tissewwa.

“Inoltre fl-opinjoni tal-Qorti, anke jekk tissewwa l-karozza ghal dana l-prezz m’hemmx garanzija li dina ser tigi minghajr difetti (precedentement il-karozza kienet *in mint condition*), jew li l-ispiza mhux ser tigi aktar milli stmat.

“In vista ta’ dana l-Qorti tqies il l-karozza ghandha tigi *written off* u l-attur jithalles l-valur ta’ Lm6,000 u l-*wreck* tal-karozza tinghata lill-konvenuti.

“**Decizjoni**

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

“Tiddikjara li wara l-incident awtomobilistiku tad-19 ta’ Mejju, 2000, is-socjeta` konvenuta hi debitrici ta’ l-attur a tenur tal-polza ta’ assikurazzjoni mahruga minnha lill-istess attur;

“Stante li l-vettura hija *beyond economic repair*;

“Tillikwida l-ammont dovut lill-attur in linea ta’ kumpens ghal danni sofferti minnu fl-incident imsemmi fis-somma ta’ Lm6,000;

“Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.”

**L-appell**

**4.** Permezz ta’ rikors ta’ appell presentat fit-3 ta’ Novembru 2003, is-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza. L-aggravji taghha huma bazikament tnejn. Fl-ewwel lok hija ghadha tinsisti “…li jezistu cirkostanzi li jeskludu l-applikazzjoni tal-polza in kwistjoni minhabba l-fatt li l-appellat qed jigi investigat mit-Taqsima tal-Frodi tal-Pulizija, senjatament mill-Ispettur Alexandra Farrugia Mamo, u ghalhekk is-socjeta` appellanti m’ghandhiex taghmel tajjeb ghall-incident in kwistjoni.” L-appellanti tghid li l-ewwel Qorti ghamlet “apprezzament zbaljat tal-fatti” f’dan ir-rigward. Dwar dana l-aggravju din il-Qorti tosserva li matul il-perjodu ta’ kwazi sentejn li l-kawza damet tinstema’ quddiem il-Prim Awla – l-ewwel udjenza kienet fit-28 ta’ Novembru 2001 u s-sentenza inghatat fl-udjenza tat-13 ta’ Ottubru 2003 – l-Ispettur Farrugia Mamo, li kienet dikjarata bhala xhud tas-socjeta` konvenuta, <u>qatt ma giet prodotta mqar biex tghid fuq hiex qed tinvestiga lill-attur</u>. L-uniku ufficjal tal-Pulizija li ttella’ jixhed kien is-Surgent li investiga l-habta – PS 577 Joseph Abdilla[1] -- li, mistoqsi in kontro-ezami, wiegeb li ma kienx jaf jekk l-attur kienx gie investigat mill-*Fraud Squad*. Fid-deposizzjoni tat-3 ta’ Mejju 2002[2] Mark Axiaq xehed li f’xi

---

[1] Fol. 39.
[2] Fol. 41.

zmien is-socjeta` tieghu kienet giet infurmata li l-imsemmija skwadra tal-Pulizija "…kienu qed jinvestigaw dan il-kaz partikolari u ghalhekk iddecidejna li qabel ma jigu konkluzi l-investigazzjonijiet ma nhallsux." Huwa jghid li kellem lil tal-*Fraud Squad* diversi drabi u dawn qalulu li l-investigazzjonijiet kienu ghadhom ghaddejjin. Pero` korrispondenza bil-miktub f'dan is-sens ma kellux x'jezibixxi[3]. Hu evidenti li, meta` s-socjeta` appellanti kellha l-possibilita` kollha li ttella' lill-Ispettur Farrugia Mamo – jew lil xi membru iehor ta' l-Iskwadra ta' Kontra l-Frodi – biex tispjega jekk verament kienx hemm xi investigazzjoni ghaddejja fil-konfront ta' l-attur fir-rigward tal-incident li dwaru kienet qed issir il-*claim*, id-deposizzjoni ta' l-imsemmi Axiaq ma tista' tinghata ebda piz f'dan ir-rigward. Anke wara li nghatat is-sentenza u sa l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – ma saret ebda talba biex jingieb xi dokument (li possibilment l-appellanti saret taf bih biss wara s-sentenza ta' l-ewwel grad) li b'xi mod jissostanzja l-allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti dwar xi frodi jew possibilita` ta' frodi. Sorprendentement kien biss fl-udjenza tat-30 ta' Gunju 2006 li d-difensur tas-socjeta` appellanti talab li "…jigi awtorizzat li jippresenta kopja ta' sentenza moghtija minn Qorti ta' Gustizzja Kriminali fil-konfront ta' l-appellant." Fl-imsemmija udjenza anqas biss ingabet kopja ta' din is-sentenza biex ghall-anqas din il-Qorti tkun tista' tara jekk tali sentenza kienitx relevanti o meno. Effettivament b'digriet moghti f'dik l-istess udjenza tat-30 ta' Gunju 2006, wara li osservat li "…ma ghandhiex quddiemha kopja tal-allegata sentenza biex jigi stabbilit imqar meta nghatat din is-sentenza u r-relevanza o meno taghha ghall-appell odjern", din il-Qorti cahdet it-talba. Din il-Qorti, kif komposta, ghamlitha cara f'diversi sentenzi taghha, u qed terga' tirribadixxi, li mhix bi hsiebha tittollera sitwazzjoni fejn l-affarijiet l-ewwel isiru nofs lehja quddiem l-ewwel Qorti biex imbaghad wiehed jipprova jillapazza fl-istadju ta' l-appell. Wara d-digriet imsemmi, il-partijiet irrimettew ruhhom ghall-attijiet tal-kawza, u l-appell thalla ghas-sentenza ghat-12 ta' Settembru 2006.

[3] Fol. 42.

**5.** Gara, pero`, li fl-24 ta' Awissu 2006, is-socjeta` konvenuta appellanti pprezentat rikors, flimkien (issa) ma' kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 2006 moghtija fil-konfront, *inter alia*, tal-attur Zammit. Minn din is-sentenza jirrizulta li Zammit (u zewg persuni ohra) ammetta l-htija tieghu fir-rigward ta' diversi *insurance frauds* permezz ta' hbit ta' vetturi u dan, skond l-istess sentenza, "fil-25 ta' April 1999 u fix-xhur ta' qabel u wara din id-data". Fost is-socjetajiet vittmi ta' dawn it-truffi hemm imsemmija (fl-imputazzjoni) is-socjeta` konvenuta, Citadel Insurance. Kif inghad, minn din is-sentenza jirrizulta li l-attur appellat kien ammetta dawn l-akkuzi quddiem il-Qorti Inferjuri ta' Gustizzja Kriminali, u dan precizament fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2006. Rinfaccata b'dan ir-rikors u bil-kopja ta' din is-sentenza, din il-Qorti ordnat in-notifika tieghu lill-attur, pero` sad-data li fiha kellha tinghata s-sentenza dan baqa' mhux notifikat peress li fl-indirizz li kien jirrizulta mill-atti l-marixxall sab li kienu joqoghdu nies ohra. Kien ghalhekk li fl-udjenza tal-25 ta' Settembru 2006 din il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza (kif mitlub fir-rikors tal-24 ta' Awissu 2006) u ordnat li r-rikors jigi notifikat lill-attur appellat *seduta stante*, u taghtu wkoll zmien ghal risposta.

**6.** Fir-risposta tieghu tat-28 ta' Settembru 2006, l-appellant Zammit qed ghid bazikament li s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma tistax tikkostitwixxi prova li l-incident meritu ta' din il-kawza – jigifieri l-incident tad-19 ta' Mejju 2000 – kien ukoll b'xi mod kolpit b'xi frodi; l-appellant baqa' jinsisti li ma hemmx "…l-icken suspett ta' *foul play* in konnessjoni ma' l-incident *de quo*."

**7.** Fl-udjenza tas-16 ta' Ottubru 2006 din il-Qorti annettiet id-dokument anness mar-rikors tal-24 ta' Awissu 2006 (cioe` annettiet il-kopja legali tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Mejju 2006), u ordnat li tixhed is-Supretendent Alexandra Mamo li kienet mexxiet l-investigazzjonijiet (u eventwalment il-prosekuzzjoni) li eventwalment wasslu ghas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2006. Din xehdet fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2007. Hija ezibiet tlett stqarrijiet rilaxxjati mill-attur appellat fl-1 ta' Novembru 2000, fit-2 ta' Novembru 2000 u fil-10 ta'

Novembru 2000. Fissret ukoll li l-incident tad-19 ta' Mejju 2000 ma kienx jifforma parti mill-investigazzjoni taghha ghax hija ma kienet irceviet ebda rapport dwaru.

**8.** Issa, mill-istqarrijiet ezibiti abbinati mas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2006, jirrizulta b'mod car li l-appellat Zammit kien ammetta l-htija tieghu fir-rigward ta' diversi *car insurance frauds* in segwitu ghal habtiet li suppost sehhew fl-1998 u fl-1999. Huwa veru li l-incident tad-19 ta' Mejju 2000 qatt ma kien jifforma parti mill-invesitgazzjoni kondotta mis-Supretendent Mamo, u ghalhekk ma jiccentrax fis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2006; pero` huwa daqstant veru wkoll li dan il-*pattern* precedenti ta' truffa jaghmilha ferm probabbli li anke l-incident, minnu nnifsu pjuttost stramb, tad-19 ta' Mejju 2000 kien ukoll arkitettat biex l-attur jinkassa l-flus fuq il-polza li kien hareg (ara d-dokument a fol. 18 tal-atti). Apparti minn hekk, huwa kjarament naqas milli jizvela lis-socjeta` assiguratrici cirkostanzi relevantissimi – il-partecipazzjoni tieghu fi truffi ta' assigurazzjoni maghmula wkoll a dannu taghha – ghax kieku zgur li ma kenitx tikkoncedilu in-*no claims discount* li tirrizulta mid-dokument imsemmi a fol. 18. Is-socjeta` konvenuta, ghalhekk, ma kenitx tenuta li taghmel tajjeb ghall-"claim" fir-rigward tal-incident tad-19 ta' Mejju 2000. Hemm lok, ghalhekk, li l-appell jintlaqa' billi tintlaqa' l-ewwel eccezzjoni kif migjuba fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tat-12 ta' Novembru 2001 quddiem il-Prim Awla. Fic-cirkostanzi ma hemmx lok li din il-Qorti tinvesti t-tieni aggravju tas-socjeta` appellanti, u cioe` fir-rigward ta' jekk il-vettura in kwistjoi kenitx verament o meno "beyond economical repair".

## Decide

**9.** Ghall-motivi premessi, filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta appellanti, tilqa' l-appell interpost mis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Ottubru 2003, u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet tal-attur appellat. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jigu sopportati kollha mill-attur Joseph Zammit.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------